Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2012/478/PESK**

tas-16 ta' Awwissu 2012

li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

(ĠU L 219, 17.8.2012, p. 21)

Kkoreġuta minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 227, 23.8.2012, p. 15 (2012/478/PESK)

▼B

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2012/478/PESK

tas-16 ta' Awwissu 2012

li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2011/782/PESK ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(1) tagħha,

Billi:

(1) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/782/PESK.

(2) Għandha tiġi inkluża entità addizzjonali fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/782/PESK,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-entità elenkata fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni hija b'dan miżjuda fil-lista li tinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/782/PESK.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 319, 2.12.2011, p. 56.

▼B

ANNESS

ENTITÀ MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1

Entità

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Drex Technologies Holding S.A.	Irreġistrata fil-Lussemburgu taħt in-numru B77616, preċedentement stabbilita fl-indirizz li ġej: 17, rue Beaumont L-1219 Lussemburgu.	Is-sid benefiċjarju ta' Drex Technologies Holding S.A. huwa Rami Makhlouf, li huwa elenkat taħt is- sanzjonijiet tal-UE talli pprovda appoġġ finanzjarju lir-reġim Sirjan.	►C1 17.8.2012 ◄